# Beati u Qaddisin...Jannar

SANT'ANJEZE

21 JANNAR



Ta' kull sena, fil-21 ta' Jannar, fi tmiem ic-celebrazzjoni pontifikali solenni ccelebrata fil-bazilika ta' Sant'Agnese barra l-Hitan, fuq l-artal tal-martri jitqieghdu zewg hrief bojod zghar imqieghda f'qfief tal-qasab imzejjen b'hila kbira u jitbierku. Imbaghad, ittrasportati lejn il-Vatikan, jigu offruti lill-Papa li min-naha tieghu jafdahom, skont id-drawwa, lill-monasteru Benedittin ta' Santa Cecilja. Bis-suf ta' dawk il-hrief is-sorijiet jinsgu l-Pallii Sagri li jitbierku mill-Papa fit-28 ta' Gunju filghaxija fuq il-qabar ta' San Pietru. Dawk l-istrixxi cirkolari b'zewg

pendenti fuq id-dahar u s-sider, li jintlibsu mill-Papa u l-Arcisqfijiet metropolitani bhala sinjal ta' unur u gurisdizzjoni, huma minsuga bis-suf li mess l-artal tar-relikwi; simbolikament jimxu l-virtujiet attribwiti lill-martri – il-fidi, il-qawwa u s-safa - u li trid tissostanzja l-hajja tar-rghajja.

Il-kult ta' Agnes imur lura ghas-seklu 4, kif jixhed id-Depositio martyrum Rumana tal-354 li, jirrifletti tradizzjonijiet li jmorru lura ghas-snin 320-330, u li jfakkarha fil-21 ta' Jannar. Il-Papa Damasu (366-384) kiteb dwarha f'poezija skolpita minn Furio Dionisio Filocalo fuq il-plakka imwahhla f'parti fil-bazilika; u Sant Ambrog (339-397) f'De virginibus u fl-innu Agnes beatae virginis. Minn dawn is-sorsi, l-istorja tal-qaddisa tista' tigi rikostitwita bejn wiehed u iehor. Kienet tifla ta' tnax-il jew tlettax-il sena, kif ikkonfermat mill-analizi anatomika ta' rasha ppreservata fil-knisja ta' Sant'Agnese in Agone.

Anjeze twieldet fis-sena 291 gewwa Ruma go familja nobbli meta Dioklezjanu, ghadu kbir ta' l-insara kien jirrenja gewwa Ruma.

Sa minn meta kienet ghadha tifla riedet tghix kasta u tiddekika ruhha lil Alla. Kienet tfajla sabieha qisha anglu u sbuhitha ma setghetx tghaddi inosservata.

Kellha biss 13 il-sena meta iben il-prefett ta' Ruma iltaqa' magħha b'kumbinazzjoni u riedha tkun tiegħu. Hija caħdet it-talba tiegħu. Kien żmien persekuzzjoni qalila kontra l-insara.

Kieku wegħdha flus, u ħaġar prezzjuż biex iħajjarha tiżżewġu, iżda kollox kien għalxejn. Anjeze irrifjutatu b'sodizza kbira biex tħares is-safa tagħha u l-wegħda li kienet għamlet lill-Mulej li kienet ser tkun tiegħu biss.

Ir-raġel ħadha bi kbira li Anjeze ma laqgħetx it-talba tiegħu u akkużaha li kienet kristjana biex ippatiħielha. Arrestawha u l-imħallef għamel kull mezz biex jikkonvinċiha ħalli tiċħad il-fidi tagħha u tissagrifika lil allat foloz. Heddiha b'kastigi ħorox imma Anjeze baqgħet soda fil-fidi tagħha.

Biex ibaxxuha, ħaduha f'burdell ħalli hemm titlef il-verġnità tagħha. Jingħad li l-Mulej kattrilha xagħarha mirakolożament biex titgħatta mill-għera tagħha. L-irġiel li marru hemm biex jissodisfaw ix-xewqat baxxi u ħżiena tagħhom, imbezza' ma resqux lejha għax rawha mdawra b'dawl qawwi. U meta iben il-prefett resaq lejha biex jabbużaha, dawl qawwi għamih u waqa' mejjet fl-art.

Sant’ Anjeze meta rat quddiemha missier iddisprat ghat-telfa ta’ ibnu, talbet lil Alla  biex ibnu jiehu l-hajja mill-gdid. Hekk sehh u rxoxta. Ir-ragel li kien mejjet u qam ikkonverta. Imma l-ghedewwa ta’ l-insara ma riedux ihalluha libera. Anjeze biex ma titlifx is-safa taghha offriet il-hajja zaghzugha taghha billi ghaddiet mill-martirju. Mietet fis-sena 304, 21 ta’ Jannar.

Fuq  in-naha occidentali ta’ Piazza Navona, Ruma, inbniet il-Basilka f’gieh Sant’Anjeze in Agone fis-seklu XVII minn Francesco Borromini.



*Dehra tal-bazilka Santa Agnese fi Piazza Navona*

Isem Anjeze jfisser kasta u pura u bhala simboli ghandha l-haruf, il-gilju u l-palma. Hija patruna tal-genniena,  tfajliet u l-gharajjes. Hija protettrici wkoll kontra l-perikli tal-bahar.



